**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 3 ta' Ottubru 2019.**

**Rikors Nru. 1167/08GM**

**Josephine Borg Bonnici (ID 255451 M) bħala mandatarja tal-imsiefra bintha Sarah Lindsay Borg Bonnici (ID 337294 M)**

**vs**

**Andrea Genoevese**

**u**

**GasanMamo Insurance Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ippreżentat fl-24 ta' Novembru 2008, li permezz tiegħu, l-attriċi, wara li ppremettiet illi:

1. Hija l-mandatarja ġenerali ta' bintha Sarah Lindsay Borg Bonnici li tinsab imsiefra (DOK ZM1).

2. Fis-27 ta' Marzu 2006 għall-ħabta tat-8:20 p.m, waqt li Sarah Lindsay Borg Bonnici kienet qed issuq vettura Nru. SLB 800, propjetà tagħha, fi Triq Santa Margerita, San Ġwann, li hija triq prinċipali, sfat milquta mill-vettura Nru. FAA 457 misjuqa mill-konvenut Andrea Genovese li baqa' ħiereġ minn Triq il-Fuxa, San Ġwann, bla ma waqaf għalkemm Triq il-Fuxa hija triq sekondarja mmarkata STOP. Waqt l-inċident, il-vettura tal-konvenut laqtet ukoll vettura pparkjata propjetà ta' terzi (DOK. ZM2).
3. Għall-inċident u konsegwenzjali danni jaħti unikament il-konvenut Andrea Genovese minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti.
4. Il-vettura Nru. FAA 457 kienet assikurata mas-soċjetà konvenuta GasanMamo Insurance Limited u min-naħa tiegħu, il-konvenut Andrea Genovese ddelega lill-assikurazzjoni tiegħu sabiex tittratta mal-esponenti noe l-kwistjoni tad-danni ċivili ta' Sarah Lindsay Borg Bonnici. Filfatt saret *claim* bin-Numru M06/3490 u GasanMamo Insurance Limited ittrattat direttament mal-esponenti noe.
5. Bħala konsegwenza tal-inċident, Sarah Lindsay Borg Bonnici ġarrbet *damnum emergens* konsistenti prinċipalment fil-ħsara tal-vettura tagħha, l-ispejjes tal-kura għall-ġrieħi gravi li ġarrbet fl-inċident u telf ieħor li jiġi spjegat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.
6. L-istess Sarah Lindsay Borg Bonnici sofriet ukoll *lucrum cessans stante* li bħala effett dirett tal-inċident, ġarrbet debilità permanenti riskontrata u aċċertata (DOK ZM3 u ZM4).
7. Is-soċjetà GasanMamo Insurance Limited bħala assikuratur tal-konvenut Andrea Genovese ħallset l-ispejjes tat-tiswija tal-vettura Nru. SLB 800 pero` baqgħet ma ħallsitx la l-bqija tad-*damnum emergens* li nkorriet Sarah Lindsay Borg Bonnici u lanqas il-*lucrum cessans*.

8. Fit-8 ta' Frar 2008, l-esponenti noe ppresentat ittra uffiċjali kontra l- kontra l-konvenuti li għalkemm kienu debitament notifikati baqgħu inadempjenti versu l-pretensjoni tal-esponenti noe.
9. L-esponenti għandha dritt ta' azzjoni diretta kontra ż-żewġ konvenuti. Kontra l-konvenut Andrea Genovese għal *culpa aquiliana* skond Art. 1031 u 1032(1) tal-kap 16 tal-liġijiet ta' Malta u kontra GasanMamo Insurance Limited għaliex bħala assikuratur awtorizzat (*authorised Insurer*) tal-vettura Nru. FAA 457 li kienet qed tinsaq minn Andrea Genovese waqt l-inċident hija obbligata tagħmel tajjeb direttament għad- danni li ġarrbet Sarah Lindsay Borg Bonnici u dan skond art. 9A tal- kap. 104 tal-liġijiet ta' Malta.

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara lill-konvenut Andrea Genovese unikament responsabbli għall-inċident fuq deskritt u għad-danni kollha li bħala konsegwenza tal-istess ġarrbet Sarah Lindsay Borg Bonnici, mandanti tal-attriċi.

2. Tillikwida d-danni kollha ta' Sarah Lindsay Borg Bonnici, *occorrendo* bl- opra ta' perit nominandi.
3. Tikkundanna lill-konvenut Andrea Genovese u lis-soċjetà GasanMamo Insurance Limited din tal-aħħar fil-vesti tagħha bħala assikuratur tal-vettura Nru. FAA 457 sabiex *in solidum* bejniethom iħallsu lill-attriċi noe dak l- ammont li jiġi dikjarat bħala dovut minnhom in linea ta' danni.

Bl-ispejjes, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat- 8 ta' Frar 2008, u bl-imgħax legali skond il-liġi, kontra l-konvenuti *in solidum* bejniethom;

Rat ir-Risposta Maħlufa mressqa mill-konvenuti fid-19 ta' Diċembru 2008, li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi f'dak illi jirrigwardja l-intimat Andrea Genovese, dan huwa *ormai* estrajenu għat-tilwima mertu ta' dina l-kawża u dana stante illi t-tort għall-inċident in kwistjoni diġà ġie aċċettat għan-nom tiegħu mis-soċjetà assikuratriċi tiegħu; u kwindi ġie imħarrek f'dina kawża inutilment u m' għandux għalhekk jiġi ikkundannat illi jħallas l-ispejjeż għal din il- kawża;
2. Illi fil-mertu, d-diżabilita` permanenti allegament sofferta mill-awtriċi tar-rikorrenti hija kkontestata – u dana stante illi hekk kif ikkonstata t-tabib kirurgu Mr. Frederick Zammit Maempel fir-rapport mediku tiegħu tal-5 ta' Settembru 2007 (anness u mmarkat bħala DOK. GMI. 1) Sarah Lindsay Borg Bonnici ma kienet qed issofri minn l-ebda debilità permanenti;
3. Illi kwindi s-soċjetà intimata, wara li ħallset lir-rikorrenti nomine kull somma dovuta lilha bħala *damnum emergens* in konnessjoni mad-danni sofferti fuq il-vettura proprjetà tagħha bin-numru tar-reġistrazzjoni SLB 800, irrifjutat illi tħallas kwalunkwe somma oħra lir-rikorrenti nomine, u dana peress illi t-talbiet tagħha huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;
4. Illi jsegwi għalhekk illi ma hemm l-ebda danni x'jiġu likwidati a favur ir-rikorrenti nomine u kwindi t-talbiet tagħha għandhom jiġu respinti bl-ispejjes kontra l-istess rikorrenti nomine.

Rat il-verbal tagħha (diversament preseduta) tas-26 ta' Jannar 2009 fejn hatret lil Mr Ivan Esposito bħala espert mediku;[1]

Rat ir-rapport tal-espert mediku tat-2 ta' Frar 2011;[2]

[1] Fol 47

[2] Fol 67.

Rat il-verbal tagħha (diversament preseduta) tal-31 ta' Mejju 2012 fejn l-intimati talbu l-ħatra ta' periti mediċi addizzjonali;

Rat il-verbal tagħha (diversament preseduta) tal-31 ta' Mejju 2012 fejn appuntat bħala periti mediċi addizzjonali lil Mr Carmel Sciberras, Mr Joseph Borg u Mr Ray Gatt[3];

Rat ir-rapport tal-istess periti mediċi addizzjonali tad-19 ta' Ottubru 2012;

Rat l-atti kollha tal-każ;

Ikkunsidrat:

**It-tilwima**

Illi fis-27 ta' Marzu seħħ inċident bejn Sarah Borg Bonnici - illi qed tiġi rappreżentata f'dawn il-proċeduri minn ommha Josephine Borg Bonnici - waqt li kienet qed issuq il-vettura tagħha bin-numru ta' reġistrazzjoni SLB 800 ġewwa San Gwann u l-konvenut Andre` Genovese bil-vettura tiegħu bin-numru ta' reġistrazzjoni FAA 457. L-istess konvenut aċċetta ir-responsabilita` ta' dan l-inċident tant li diġa` tħallsu d-danni subiti fil-vettura tal-attriċi. Iżda Genovese flimkien mas-soċjeta` intimata Gasan Mamo Insurance Limited qed jikkontestaw id-danni lukranti b'mod partikolari d-debilita` permanenti sofferta minn Sarah Borg Bonnici;

**L-ewwel eċċezzjoni**

[3] Fol 89.

Illi l-Qorti ma taqbilx li Andrea Genovese ġie mħarrek bla bżonn. L-aċċettazzjoni tat-tort għan-nom tiegħu mis-soċjeta` assikuratriċi tiegħu ma tfissirx li fil-fatt huwa aċċetta r-responsabilita` għall-inċident. Barra minn hekk, huwa jibqa' personalment responsabbli għad-danni, anke jekk is-soċjeta` assikuratriċi tista' tiġi azzjonata direttament. Din l-eċċezzjoni għalhekk hija bla bażi u sejra tiġi miċħuda;

**Provi u Riżultanzi**

Illi l-attriċi tispjega illi mad-daqqa, għonqha mar 'il quddiem u lura f'forza kbira. Wara li ħarġet mill-vettura bdiet tħoss uġigħ f'għonqha u diragħjha; Marret l-isptar iżda ma rriżulta l-ebda ksur. Ġiet rilaxxata u qalulha biex tuża kullar u tieħu xi pilloli għall-uġigħ. Damet barra mix-xogħol għal madwar tlett ġimgħat u wara daż-żmien reġgħet lura għax-xogħol fuq bażi ta' nofs ta' nhari għal tlett ġimgħat oħra. Attendiet għall-fiżjoterapjija u kien hemm xi titjib żgħir wara t-terapija. L-attriċi tispjega illi hija tipprattika l-professjoni tagħha ta' perit arkitett ġewwa l-Ingilterra u li minħabba dawn il-ġrieħi, kellha tadatta l-ħajja personali u professjonali tagħha sabiex tikkombatti l-effetti li ħallew fuqha. L-attriċi targumenta illi fuq ix-xogħol l-uġigħ kontinwu fl-għonq u fid-dahar, dan ma kienx jippermettilha li toqgħod bilqegħda jew bilwieqfa għal ħinijiet twal u li teżerċita l-attivitajiet bażiċi li huma rikjesti minn kull perit senjatament xogħol sedentarju fuq kompjuter kif ukoll xogħol fuq siti ta' kostruzzjoni. B'tali limitazzjonjijiet l-attriċi kellha taħdem siegħat żejda biex tkun tista' tieqaf ta' spiss. Jidher b'danakollu illi l-attriċi xorta avvanzat fil-karriera tagħha u saħansitra iggradwat fil-*Masters* fl-Universita` ta' *Cambridge*;

**Damnum Emergens**

Illi taħt dan il-kap, l-attriċi ppreżentat diversi rċevuti ta' spejjeż ta' tobba[4], mediċina[5], biljetti tal-*Gozo Channel*[6] u biljetti tal-ajru[7] li jammontaw għal €1,279.76. Illi l-attriċi ma kienx ikollha għalfejn tbagħti dawn l-ispejjeż li kieku ma seħħx l-inċident tort tal-konvenut u għalhekk taħt dan ir-ras ta' danni, tirriżulta dovuta s-somma ta' €1,279.76;

**Lucrum Cessans**

**Rapport ikkummissjonat *ex parte* mill-attriċi**

Illi l-attriċi ppreżentat rapport mediku *ex parte* tal-kirurgu Mr Charles Grixti illi eżaminaha darbtejn. L-ewwel darba wara l-inċident (Lulju 2006) u imbagħad f'Settembru 2008 fejn ikkonstata illi bid-daqqa, l-attriċi kellha *flexion extension injury* t'għonqha, u konsegwenza ta' dan spiċċat b'limitazzjoni ta' moviment f'għonqha li għadu jaffettwa s-sitwazzjoni tagħha billi trid toqgħod b'rasha baxxuta għal ħin twil bħal per eżempju taqra jew tikteb, tiġbed jew terfa' affarijiet tqal. Ikkonstata illi kien hemm limitazzjoni fil-moviment ta' għonqha lejn ix-xellug b'10% anke minkejja li kienu għaddew sentejn mill-inċident u għalhekk ladarba ma kienx hemm titjib, is-sitwazzjoni wisq probabli kienet se tibqa' l-istess aktar u aktar meta fir-rapport tiegħu tal-2008 is-sitwazzjoni tal-attriċi kienet iggravat u mhux marret għall-aħjar fis-sens li l-limitazzjoni tal-għonq kienet aktar ristretta u l-uġigħ żdied. Skond Mr Grixti din is-sitwazzjoni hija normali f'każijiet meta jkollok *flexion extension injury* u għalhekk

[4] Fol 34 -39, 41, 43.
[5] Fol 40 u 42.
[6] Fol 34.
[7] Fol 228-230.

attribwixxa diżabilita` permanenti ta' 8%. Ma reġax invistaha wara l-2008. Sfortunatament laħaq miet mingħajr ma l-konvenuti kellhom l-opportunita` li jagħmlulu kontro-eżami.

**Rapport ikkummissjonat *ex parte* mill-konvenuti**

Illi s-soċjeta` assikuratriċi konvenuta ukoll ippreżentat rapport[8] redatt mill-kirurgu ortopediku **Frederick Zammit Maempel** li kien invista lill-attriċi **ħmistax-il xahar wara l-aċċident** u kkonstata illi ma kienx hemm limitazzjonijiet fil-moviment tal-għonq iżda l-attriċi kienet qed tħoss uġigħ fl-għonq u fid-dahar. L-*x-rays* li ttieħdu dakinhar tal-inċident juru *muscle spasms* iżda meta nvistaha dawn ma kinux preżenti. Ikkonstata illi ma hemm l-ebda evidenza oġġettiva ta' diżabilita` permanenti u s-sintomi kienu mistennija li jmorru maż-żmien u għalhekk m'attribwixxa l-ebda persentaġġ ta' diżabilita` permanenti;

**Rapport tal-ewwel Espert Mediku**

Illi meta l-ewwel espert mediku maħtur mill-Qorti, **Mr Ivan Esposito**, invista lill-attriċi fis-**7 ta' Lulju 2009** (madwar 3 snin wara l-inċident), l-attriċi qaltlu li għadha tbati minn bosta sintomi. Dehret imxebba speċjalment għaliex ma setgħetx tagħmel dak kollu li tixtieq. Kienet tħoss uġigħ fl-għonq li jinżel għad-drigħ tal-lemin aktar mix-xellug u bejn il-ġwienaħ. Kienet tħoss uġigħ fil-parti t'isfel tad-dahar; tnemmil fid-driegħ tal-lemin, u kellha problemi biex torqod minħabba l-uġigħ. Kienet tieħu pilloli kontra l-uġigħ regolarment, ma setgħetx taħdem fit-tul fuq il-kompjuter, l-uġigħ jiżdied meta tisgħol, tagħtas jew

[8] Fol 30

titqanżah; kellha diffikulta` biex tagħmel xogħol *on-site*, speċjalment biex titla' slielem u ssuq, ma setgħetx tiġri għax tweġġa' u b'hekk kellha twaqqaf ħafna sports u żiedet fil-piż;

Illi l-espert irrelata li "*studji li saru juru li f'każi bħal dawn wara ħmistax-il sena aktar minn erbgħin fil-mija ta' pazjenti jibqgħu jsoffru minn sintomi (Bannister & Gargan")*[9]. Attribwixxa rata ta' diżabilita` ta' 8%;

Illi l-ewwel perit ikkonstata diżabilita` ta' 8% filwaqt li l-periti addizzjonali ma sabu l-eba diżabilita`. Dan il-perit m'għamilx MRI tal-attriċi għalkemm in eskussjoni wieġeb "dan jista' jitfa' iktar dawl fuq il-patoloġija, imma għaddew aktar minn sitt snin mill-inċident u jekk dan juri xi ħaġa l-mistoqsija se tkun: din meta seħħet?"[10]. Fil-fatt sussegwentement l-attriċi għamlet l-MRI li ħareġ "normali". Dwar l-uġiegħ, l-istess espert ma kienx f'qagħda li jiddeterminah oġġettivament;

**Rapport tal-periti addizzjonali**

Illi l-intimati talbu l-ħatra ta' periti mediċi addizzjonali wara l-imsemmi r-rapport redatt minn Mr Ivan Esposito;

Illi ġew maħtura tlett esperti mediċi addizzjonali – Mr Joseph Borg, Mr Ray Gatt u Mr Carmel Sciberras li fir-rapport tagħhom wara li invistaw lill-attriċi fid-**19 ta' Ottubru 2012** u ċjoe' sitt snin wara l-aċċident, rawha stramba kif minkejja l-ilmenti kollha ta' uġigħ min-naħa tal-attriċi, qatt ma ħasset il-bżonn li tiġi

[9] Ara rapport mediku a fol 72.

[10] 11 ta' Mejju 2012

investigata iżda kienet biss tieħu l-pirmli tal-uġigħ kull gimgħatejn. Talbu ukoll li jsir MRI t'għonqha u dan irriżulta normali u sussegwentament ikkonstataw illi l-attriċi ma ġarrbet l-ebda diżabilita` permanenti minħabba l-inċident in kwistjoni;[11]

Illi in eskussjoni, l-esperti mediċi ikkonfermaw illi l-*x-rays* li ttieħdu dakinhar tal-inċident ma wrewx ksur iżda wrew *a reversal of the cervical iodesis* fejn jispjegaw illi dan ifisser li normalment il-kurvatura tal-għonq hija 'l quddiem, meta jkun hemm spażmu tal-muskoli, il-bniedem jidritta allura l-kurvatura tonqos u tiġi aktar dritta pero` hija xi ħaġa temporanja u li ġġib ċertu uġigħ. Rigward s-sejbien ta' *a slight narrowing of the sacral spine* fir-rapport tal-konsulent tal-attriċi il-kirurgu Charles Grixti, l-esperti mediċi jirrilevaw illi din hija ħaġa normalissima peress illi huwa l-aħħar rukkell fix-xewka tad-dahar u huwa l-ewwel wieħed li jidjieq għax l-aktar li jerfa' piż. Filfatt fir-rapport tagħhom ma semmewħx għaliex għalihom kienet sejba normali. Jieħduha in konsiderazzjoni biss jekk il-pazjent jilmenta minn uġigħ fin-naħa t'isfel tad-dahar, iżda f'dan il-każ, l-attriċi lmentat fuq għonqha. Fl-eżami tad-dahar kollox kien normali;

Illi dwar l-uġigħ fl-għonq, meta eżaminaw lill-attriċi qaltilhom li qed tħoss ftit uġigħ f'għonqha imma ma rriżulta xejn newrologiku. Ir-restrizzjoni t'għonqha huwa insinifikanti u fl-opinjoni tagħom din mhux se tibqa' hemm għal dejjem u għalhekk ħassew illi m'hemmx diżabilita` permanenti. Fir-rapport ikkonstataw illi hemm ftit gradi tal-moviment tal-għonq li ma kinux hemm u għalhekk il-moviment tal-għonq ma kienx perfett pero` fl-opinjoni tagħhom din hija problema temporanja u mhux permanenti anke jekk invistaw lil attriċi sitt snin wara l-aċċident. Jgħidu illi minkejja dan l-uġigħ soġġettiv, klinikament huma tal-

[11] Fol 178.

opinjoni illi m'hemmx diżabilita` permanenti. Mill-ilmenti tal-attriċi huma ħasbu illi l-ħsara fl-għonq kienet kbira ħafna u li l-movimenti kienu limitati ħafna iżda meta nvistawha ma sabu xejn minn dan, ma kienx hemm qbil bejn is-sintomi li kienet qed tilmenta bihom u l-eżami kliniku tagħhom anzi kien hemm diskrepanza kbira. B'danakollu, huma ma straħux biss fuq il-konstatazzjonijiet tagħhom imsemmija iżda biex ikunu ċerti mija fil-mija, ordnaw l-MRI li kif fuq indikat, ġie normali. Spjegaw fir-rapport tagħhom li "l-MRI jgħinna jekk ikun normali għax imbagħad inkunu nistgħu nikkonfermaw l-impressjoni klinika tagħna. Jekk l-MRI juri xi difetti allura rridu niddeċiedu jekk dawn humiex direttament dovuti għall-inċident jew le";

Illi l-Qorti ma tarax li hemm raġuni l-għala għandha titbiegħed mill-konklużjoni ta' dawn l-esperti maħtura minnha stess. Filwaqt li r-rapporti ex-parte għandhom ukoll effett probatorju, bħar-rapporti tal-esperti tal-Qorti, il-Qorti hija iktar propensa li toqgħod fuq u taddotta l-parir tal-esperti tagħha li barra li jkunu kompetenti, ikunu wkoll indipendenti. Kif intqal b'awtorita` mill-Qorti tal-Appell, rapporti ta' periti tekniċi "ġeneralment jagħmel prova inkonfutabbli għad-determinazzjoni tal-kawża"[12] Ir-raġunijiet imressqa mill-abbli avukat tal-attriċi mhumiex tali li jpoġġu fid-dubbju b'mod gravi din l-opinjoni teknika. Fil-miżien din il-Qorti għandha f'keffa waħda l-opinjoni esperta hekk kif ben ikkorroborata minn test xjentifiku oġġettiv tal-MRI u fil-keffa l-oħra l-istqarrija tal-attriċi li baqgħet tħoss l-uġiegħ. Ilment li t-tobba esperti sabu li hu inkompatibbli mal-konstatazzjonijiet kliniċi tagħhom kif imbagħad komplew jiġu kkorroborati mill-MRI;

Illi għalhekk il-Qorti m'għandhiex prova li l-attriċi sofriet diżabilita` permanenti;

[12] Alfred Farrugia v Mary Rose Meli, 25.09.2006 Qorti tal-Appell (kolleġjalment komposta)

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti:

1. tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti.
2. tilqa' t-tieni eċċezzjoni.

3. tilqa' *in parte* l-eċċezzjonijiet l-oħrajn.

4. tiddikjara lill-konvenut Andre` Genovese responsabbli għall-inċident li ġara fis-27 ta' Marzu, 2006 fi Triq Santa Margerita ġewwa' San Ġwann.

5. tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi fl-ammont ta' €1,279.76
6. tikkundanna lill-konvenuti in solidum iħallasu l-ammont hekk likwidat bl-imgħax legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-eventwali ħlas effettiv.

Bl-ispejjeż għall-konvenuti.

ONOR IMĦALLEF
GRAZIO MERĊIEĊA